

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Flus/Talbiet Monetarij](#) > [Tariffi Tal-qorti Dwar Il-proċedura Tal-ħlas Ewropea](#) > [Bulgaria](#)

Tariffi tal-qorti dwar il-proċedura tal-ħlas Ewropea

Il-kontenut ipprovdut minn Bulgaria



Bulgarija

Dħul

[Liema tariffi huma applikabbli?](#)

[Kem se nħallas?](#)

[X'jiġri jekk ma nħallasx it-tariffi tal-qrati fil-ħin?](#)

[Kif nista' nħallas it-tariffi tal-qrati?](#)

[X'nagħmel wara l-ħlas?](#)

Dħul

Id-dispożizzjonijiet dwar il-ħlas tat-tariffi tal-qrati u l-ispejjeż fi proċedimenti ċivili, inkluż fil-proċedura ta' Ordni ta' Ħlas Ewropea, huma stabbiliti rispettivament fil-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili u fl-Iskeda ta' tariffi tal-istat miġbura mill-qrati skont il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (GPK).

Kodiċi ta' Proċedura Ċivili

“Kapitolu Tmienja. Tariffi u Spejjeż, Taqsima I — Spiża tal-kawża

Spiża tal-kawża

Artikolu 68. Il-valur monetarju tas-suġġett tal-każ għandu jkun l-ispiża tal-kawża.

Spiża tal-kawża

Artikolu 69. (1) L-ammont tal-ispiża tal-kawża għandu jkun:

1. f'kawżi li jikkonċernaw talbiet monetarij: is-somma mitluba;

Determinazzjoni tal-ispiża tal-kawża

Artikolu 70. (1) L-ispiża tal-kawża għandha tiġi speċifikata mir-rikorrent. L-ispiża tal-kawża tista' tiġi kkontestata jew mill-konvenut jew mill-qorti, li tagħxi *ex officio*, mhux aktar tard mill-ewwel seduta ta' smiġh għall-eżami tal-każ. F'każ ta' diskrepanza bejn l-ispiża indikata u l-ispiża reali, il-qorti għandha tiddetermina l-ispiża tal-kawża.

(2) Id-deċiżjoni tal-qorti li żżid l-ispiża tal-kawża għandha tkun soġġetta għal kontestazzjoni permezz ta' appell inċidentali.

(3) Fejn l-ispiża ta' kawża hija diffiċli li ssir valutazzjoni tagħha fiż-żmien meta titressaq il-kawża, spiża approssimattiva ta' kawża għandha tiġi ddeterminata mill-qorti u għandha sussegwentement tiġi imposta tariffa addizzjonali jew għandha tiġi imposta tariffa żejda li tkun tiddependi fuq l-ispiża li tiġi ddeterminata mill-qorti meta tkun qed tagħti d-deċiżjoni tagħha.

Taqsima II. Tariffi u spejjeż tal-Istat

Min hu responsabbli mill-ħlas tat-tariffi u tal-ispejjeż

Artikolu 71. (1) It-tariffi tal-Istat għall-ispejjeż tal-kawża u għall-ispejjeż legali għandhom jinġabru għall-

iproċessar tal-każ. Fejn il-kawża ma tkunx tista' tiġi vvalutata, l-ammont tat-tariffi tal-Istat għandu jiġi ddeterminat mill-qorti.

Tariffi tal-Istat

Artikolu 73. (3) Id-drittijiet tal-Istat għandhom jinġabru, skont skeda adottata mill-Kunsill tal-Ministri, meta tiġi ppreżentata mozzjoni għal protezzjoni jew faċilitazzjoni u meta jinħareġ id-dokument li għalih titħallas tariffa.

Annessi għar-rikors

Artikolu 128. Is-segwenti għandhom jiġu pprezentati ma' rikors:

1. il-prokura, fejn id-dikjarazzjoni hija ppreżentata minn prokuratur;
2. dokumenti ta' prova ta' ħlas ta' tariffi u spejjeż tal-Istat, fejn tali imposti u spejjeż huma dovuti;
3. kopji tar-rikors u tal-annessi tiegħu skont l-għadd ta' imputati.

Verifika tar-rikors

Artikolu 129. (1) Il-qorti għandha tivverifika l-konformità tar-rikors.

(2) Fejn ir-rikors ma jikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 127(1) u l-Artikolu 128, ir-rikorrenz għandu jingħata struzzjonijiet biex jirrimedja n-nuqqasijiet ta' konformità fi żmien ġimgħa u jkun infurmat dwar il-possibbiltà li juża l-għajnuna legali, jekk ir-rikorrenz ikollu bżonn u jkun intitolat għal tali għajnuna. Meta l-indirizz tar-rikorrenz ma jiġix iddikjarat u ma jkunx magħruf mill-qorti, il-komunikazzjoni għandha ssir permezz ta' twaħħil ta' avviż f'post magħżul għal dan il-għan mill-qorti għal ġimgħa waħda.

(3) Fejn ir-rikorrenz jonqos milli jirrimedja għan-nuqqasijiet ta' konformità, ir-rikors u l-annessi mehmuża għandhom jintbagħtu lura, u fejn l-indirizz mhux magħruf, ir-rikors għandu jibqa' fl-uffiċċju tal-qorti għad-dispożizzjoni tar-rikorrenz. Jista' jitressaq appell inċidentali mir-ritorn tar-rikors mingħajr ma tiġi ppreżentata kopja għan-notifika."

Skeda ta' tariffi tal-istat miġbura mill-qorti skont il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili

"Taqsimha I

Imposti Miġbura fi proċedimenti tal-qorti

l-Artikolu 1. Tariffa ta' 4% tal-ispiża tal-kawża iżda ta' mhux inqas minn BGN 50 għandha tinġabar għal rikors, replika jew rikors minn parti terza bi drittijiet indipendenti.

13. Imposti fl-ammonti li ġejjin għandhom jinġabru għall-ħruġ ta' ċertifikat:

2. ċertifikat dwar il-ħruġ ta' Ordni ta' Ħlas Ewropea u dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà: BGN 40;"

It-tariffi legali jitħallsu biss permezz ta' trasferiment bankarju għal kont tal-qorti.

Liema tariffi huma applikabbli?

It-tariffi tal-Istat jinġabru meta titressaq l-kawża. Ir-rikorrenz irid jakkumpanja r-rikors b'evidenza dokumentata tal-ħlas ta' kwalunkwe tariffa u spiża tal-Istat dovuti.

Kemm se nħallas?

Għal rikors għal Ordni ta' Ħlas Ewropea u għal dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà: BGN 40.

It-tariffa tal-qorti għal rikors, replika jew rikors minn parti terza bi drittijiet indipendenti fi proċedimenti ċivili standard hija 4% tal-ispiża ta' kawża iżda mhux inqas minn BGN 50. L-ammont tal-ispiża tal-kawża f'kawżi għal talbiet monetarji huwa s-somma mitluba. Fil-każ ta' oġġezzjoni għar-rikors għal ordni ta' ħlas u kunsens espliċitu għal bidla għall-proċedimenti f'kawża standard, ir-rikorrenz irid jikkredita l-kont tal-qorti bil-bilanċ tat-tariffa għal kawża standard.

X'jiġri jekk ma nħallasx it-tariffi tal-qorti fil-ħin?

Jekk ir-rikorrenz ma jakkumpanjax ir-rikors bi prova dokumentata tal-ħlas tat-tariffi tal-istat dovuti meta titressaq l-kawża, ir-rikors jitqies bħala irregolari. F'każijiet bħal dawn, il-qorti tibgħat komunikazzjoni lir-rikorrenz li tordnalhom iħallsu t-tariffi fi żmien ġimgħa. Meta l-indirizz tar-rikorrenz ma jiġix iddikjarat u ma jkunx magħruf mill-qorti, il-komunikazzjoni ssir permezz ta' twaħħil ta' avviż f'post magħżul għal dan il-għan mill-qorti għal ġimgħa waħda.

Fejn ir-rikorrenz jonqos milli jħallas it-tariffi tal-qorti dovuti fiż-żmien stipulat ta' ġimgħa, ir-rikors u d-dokumenti jiġu ritornati, u fejn l-indirizz mhux magħruf, ir-rikors jibqa' fir-reġistru tal-qorti għad-dispożizzjoni tar-rikorrenz.

F'każijiet bħal dawn, il-każ jiġi miċħud.

Kif nista' nħallas it-tariffi tal-qorti?

It-tariffi tal-qorti jitħallsu biss permezz ta' trasferiment bankarju għal kont tal-qorti, u d-dokument ta' pagament irid jiġi ppreżentat lill-imħallef/lill-qorti li jteżamina l-każ permezz tar-reġistru tal-qorti. It-tariffa legali ma tistax titħallas fi flus lill-kaxxier tal-qorti. Kull qorti jkollha kuntratt ma' bank li jipprovdi servizzi lill-qorti. Il-kontijiet tal-bank jinsabu fuq is-sit web uffiċjali tal-qorti.

X'nagħmel wara l-ħlas?

It-tariffi tal-qorti jitħallsu biss permezz ta' trasferiment bankarju għal kont tal-qorti, u d-dokument ta' pagament irid jiġi ppreżentat lill-imħallef/lill-qorti li jteżamina l-każ permezz tar-reġistru tal-qorti.

■ L-aħħar aġġornament: 08/05/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.